

## SAN MASSIMILJANU MARIA KOLBE

Imwieled Raimond Kolbe fil-Polonja. Bħala tifel irċieva minn idejn il-Madonna żewġ kuruni – waħda ta' ward aħmar u oħra ta' ward abjad – il-Martirju u s-Safa. Fin-novizjat f'Ruma impressjona ruħu meta ra protesta ostili tal-Mazunerija, kontra l-Knisja u l-Papa, fil-Pjazza tal-Vatikan fl-1917 – is-Sena ta' Fatima. Hu, li sa minn tfulitu kellu mentalità ta' strateġija militari, ħaseb u qal: 'Din hija l-armata ta' Satana! Armata tiġi kkumbattuta b'armata oħra. U ħolom li jwaqqaf il-

MILIZJA TAL-IMMAKULATA.

L-Imseħbin jaħdmu biex ixerrdu l-istampa t-tajba u d-devozjoni lejn Marija. Miet f'Auswich nhar l-14 t'Awwissu, 1941.

# POTENTIA CORONA

josephfenech409@gmail.com
Ħarġa Nru 28



Hija l-Immakulata weħidha li għandha minn Alla l-wegħda tar-rebħa fuq Satana.
Hija tfittex erwieħ li jikkonsagraw lilhom infushom kollhom kemm huma lilha, biex f'idejha jsiru strumenti qawwija għar-rebħa fuq Satana u għat-tixrid tas-Saltna ta' Alla.

## Igħid dan d-devot il-kbir tal-Immakulata !

Ġesù onoraha qabel iż-żmenijiet kollha, u se jonoraha għaż-żmenijiet kollha. Ħadd ma jmur għandu, lanqas qribu, ħadd ma jsalva jew jitqaddes, jekk hu wkoll ma jonorahiex. Din hija x-xorti tal-Anġli u tal-bnedmin.

Qatt la tibża' li se tħobb iżżejjed lill-Verġni Mbierka. Qatt m'int se tħobbha aktar milli ħabbha Ġesù.

It-talb huwa qawwi bla qies meta nduru lejn l-Immakulta li hija s-Sultana sahansitra tal-Qalb ta' Alla.

Jekk xi ħadd ma jixtieqx li jkollu lil Marija Immakulata bħala ommu, dan ma jkollux lil Kristu bħala ħuħ.

It-taqbida mal-Infern ma tistax tkun mitqabda mill-bnedmin, ukoll l-aktar qalbiena. L-Immakulata weħidha għandha mingħand Alla l-wegħda tar-rebħa fuq Satana